MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Referenza Kostituzzjonali Numru. 42/2012

Fl-Atti tar-Riferenza tat-22 ta' Mejju, 2012, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Neville Camilleri B.A., LL.D., M.A. (Fin. Serv.) ) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet:

**IL-PULIZIJA** (Spettur Frank A. Tabone)

vs

Joseph **ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Mejju, 2012[1] (sedenti l-Maġistrat Dottor Neville Camilleri B.A., LL.D., M.A. (Fin. Serv.) ) li permezz tagħha, fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-imputat Attard b'verbal waqt is-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2012, u għall-motivazzjonijiet hemm imsemmija, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-ilment imqanqal mill-imsemmi imputat fis-sens li, fid-dawl ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru, 2008[2], u bil-fatt li f'Settembru tal-2009 il-Pulizija Eżekuttiva ħarġet kontrih akkużi dwar reati allegatament imwettqa minnu, huwa ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu bi ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") li ma għandux jerġa' jgħaddi minn proċeduri għal reat li diġa' nstab ħati dwaru u dan taħt ir-regola tan-*ne bis in idem*;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Mejju, 2012, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ ta' nhar l-14 ta' Ġunju, 2012, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-Avukat Ġenerali;

Rat ir-Risposta mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-Avukat Ġenerali fit-13 ta' Ġunju, 2012, li biha laqgħu ghas-siwi tal-ilment tal-imputat billi qalu li l-ilmenti kollha tiegħu huma bla bażi u fiergħa. Jisħqu li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ li dwaru qegħdin jitmexxew il-proċeduri kriminali kontrih, ma seħħ l-ebda ksur tar-regola *ne bis in idem*. Iżidu li minħabba li l-imputat qiegħed jerġa' jfixkel lil Martin Debrincat milli jinqeda bil-mogħdija biex ikun jista' jidħol fi ħwejġu, qiegħed iwettaq mill-ġdid ir-reat li ħa l-liġi b'idejh ("*ragion fattasi*") liema reat għandu l-effetti kontinwati, u għalhekk, f'kull każ, iċ-ċirkostanzi tal-każ jagħtu effett għal reat permanenti b'effetti kontinwati;

[1] Paġġ. 187 – 192 tal-atti tar-Riferenza
[2] Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Attard*** (Appell Nru. 40/2008)

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2012[3], li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-parti ċivili Martin DeBrincat;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Settembru, 2012, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-"kwestjoni" mqanqla mill-imputat u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imputat fid-29 ta' Ottubru, 2012[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Novembru, 2012[5], bi tweġiba għal dik tal-imputat;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur ta' Martin DeBrincat waqt is-smigħ tal-4 ta' Diċembru, 2012[6], li biha qal li kien joqgħod fuq is-sottomissjonijiet imressqa mill-Prosekuzzjoni u li kien qiegħed jirrinunzja milli jressaq sottomissjonijiet miktuba oħrajn;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Diċembru, 2012;

Rat l-atti kollha tar-Riferenza;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaliex l-imputat qiegħed jgħid li bil-ħruġ ta' Taħrika ta' Kawża min-naħa tal-Pulizija f'Settembru tal-2009, qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx proċessat għal

[3] Paġ. 202 tar-Riferenza
[4] Paġġ. 211 – 3 tar-Riferenza
[5] Paġġ. 222 – 4 tar-Riferenza
[6] Paġ. 225 tar-Riferenza

darb'oħra dwar reat li minnu kien diġa' nstab ħati b'sentenza ta' Qorti li saret ġudikat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tar-Riferenza jirriżulta li f'din il-ġrajja kollox kien beda meta, f'Jannar tal-2002, Martin DeBrincat kien kera favur wieħed Carmel Cauchi r-raba' magħrufa bħala "Tal-Għansar", f'San Lawrenz, Għawdex, għar-raġunijiet u taħt il-kundizzjonijiet u patti hemm miftehma, fosthom "id-dritt ta' passaġġ mill-mogħdija li twassal għaliha minn Triq Wied Merill"[7]. L-imputat kien iħaddem barriera tal-ġebla tal-franka, magħrufa wkoll bħala "Tal-Għansar" u li tmiss mal-imsemmi raba' u mal-imsemmija mogħdija. Fl-imgħoddi, d-daħla għall-barriera kienet "tingħalaq permezz ta' kanna li kienet titla' u tinżel", iżda f'xi żmien matul is-sajf tal-2002, l-imputat kien neħħiha u għall-ħabta ta' Settembru tal-2002, minflokha waħħal kanċell li kien jinqafel b'katnazz[8];

Illi fi Frar tal-2003, l-imputat kien ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (aktar 'il quddiem imsejħa "l-Qorti Riferenti") bi ksur tal-jeddijiet ta' proprjeta' bi ħsara ta' l-imsemmi Carmel Cauchi mill-Gżira u dan bi ksur tal-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali; u kif ukoll b'eżerċizzju ta' jedd pretiż li bih fixkel lill-imsemmi Cauchi fil-pussess ta' ħwejġu bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn il-proċeduri wkoll tmexxew fuq kwerela magħmula minn Cauchi b'ittra tal-avukat tiegħu tal-31 ta' Ottubru, 2002[9]. B'sentenza mogħtija mill-Qorti Riferenti (diversament presjeduta) fit-30 ta' Jannar, 2008[10], l-imputat instab ħati taż-żewġ akkużi miġjuba kontrih u dik il-Qorti waħħlitu multa fuq iż-żewġ akkużi. Dik il-Qorti ma laqgħetx it-talba tal-Prosekuzzjoni biex torbtu bl-għoti ta' garanzija personali taħt penali f'każ ta' sejbien ta' ħtija kemm-il darba din terġa' tinkiser, għar-raġuni "li ma jidhirx li saret xi molestja fuq il-persuna tal-kwerelant"[11];

---

[7] Dok "1 – C.C.", f'paġ. 27 tal-atti tar-Riferenza
[8] Ara paġ. 104 tal-atti tar-Riferenza
[9] Paġ. 28 tal-atti tar-Riferenza
[10] Paġġ. 100 – 2 tal-atti tar-Riferenza
[11] Lanqas ma ħaddmet id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 85(2) abbinat mal-artikolu 377(3) tal-Kap 9 u dan jista' jfisser għaliex il-qagħda dwar il-kanċell hi li hi.

Illi l-imputat appella minn dik is-sentenza fi Frar tal-2008 għal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru, 2008[12], l-appell tal-imputat ma ntlaqax u s-sentenza tal-Qorti Riferenti kienet konfermata;

Illi fl-1 ta' Settembru, 2009, l-imputat kien akkużat quddiem il-Qorti Riferenti (diversament presjeduta) talli, "fil-5 ta' Novembru, 2008, kif ukoll fix-xhur ta' qabel Ta' Għansar limiti ta' San Lawrenż Għawdex b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda: (1) eżerċitajt il-jedd li tippretendi li għandek, abbużivament u llegalment fixkilt lil Martin Debrincat mill-Għarb fil-pussess ta' ħwejġu; (2) aktar talli sirt reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-12 ta' Settembru, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra"[13]. Il-proċeduri tmexxew wara li, din id-darba, l-imsemmi Martin DeBrincat (sid ir-raba') kien bagħat kwerela permezz ta' ittra tal-avukat tiegħu fl-10 ta' Novembru, 2008[14];

Illi fis-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2009, l-imputat qajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat. B'degriet mogħti waqt is-smigħ tal-4 ta' Ottubru, 2011[15], il-Qorti Riferenti ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni filwaqt li ordnat li l-kawża tissokta tinstema';

Illi fl-ewwel smigħ quddiem il-Qorti Riferenti wara li kienet ċaħdet l-eċċezzjoni tal-ġudikat, l-avukat difensur tal-imputat fis-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2012[16], qajjem il-kwestjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali;

Illi bid-degriet motivat tat-22 ta' Mejju, 2012, il-Qorti Riferenti laqgħet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur biex jinġiebu quddiem din il-Qorti. L-atti għaddew quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2012;

[12] Paġġ. 173 – 180 tal-atti tar-Riferenza
[13] Paġ. 7 tal-atti tar-Riferenza
[14] Dok "BS", f'paġ. 185 tal-atti tar-Riferenza
[15] Paġ. 17 tal-atti tar-Riferenza
[16] Paġ. 181 tal-atti tar-Riferenza

Illi, għalhekk, il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tistħarreġ huma jekk, bil-proċeduri li nbdew kontrih quddiem il-Qorti Riferenti, l-imputat hux tassew ġarrab jew qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jgħaddix proċess kriminali dwar l-istess fatt li dwaru kien diġa' għadda proċeduri oħrajn qabel;

Illi l-qofol tal-ilment tal-imputat hu li l-ewwel akkuża li hu jinsab mixli biha fil-proċeduri li għaddejjin kontrih bħalissa quddiem il-Qorti Riferenti diġa' nstab ħati dwarha u ma jistax issa jerġa' jgħaddi minn proċediment li jittratta l-istess xilja li dwarha nstab ħati. Huwa jisħaq li r-reat ta' *ragion fattasi* li jinsab mixli bih huwa wieħed istantanju u m'huwiex permanenti. Fi kliemu[17], "Jekk huwa reat permanenti l-prosekuzzjoni kellha kull dritt terġa' toħroġ imputazzjoni simili. Jekk, min-naħa l-oħra, r-rejat ta' ragion fattasi jikkwalifika bħala wieħed istantanju, l-prosekkuzzjoni (*sic*) ma setgħet qatt terġa' toħroġ imputazzjoni simili". Huwa jfisser li, fl-ordinament tagħna, l-imsemmi reat[18] huwa wieħed maħsub kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja (minħabba li bih il-persuna mixlija tieħu l-liġi b'idejha dwar jedd minnha pretiż minflok ma titlob l-għajnuna tal-awtorita' kompetenti biex trażżan l-abbuż li tqis li jkun sar bi ħsara għaliha)[19]. Bħala reat kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, l-imputat jgħid li dak ir-reat ma jistax ma jkunx wieħed istantanju li jseħħ malli jitwettaq u wieħed m'għandux iħallat l-effetti (kontinwati) tar-reat mar-reat kunsmat minnufih mat-twettiq tal-egħmil;

Illi, min-naħa tagħha, il-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali jwarrbu l-argument tal-imputat billi jgħidu li ma huwa minnu xejn li l-proċess li qed jitmexxa kontrih bħalissa quddiem il-Qorti Riferenti huwa tabilħaqq it-tennija tal-istess proċess li kien sar qabel u ntemm bis-sejbien ta' ħtija tiegħu. Huma jżidu jgħidu li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li fih issa l-imputat jinsab mixli m'humiex l-istess bħal dawk tal-każ li fih kien instab ħati. Fost dawn id-

---

[17] Ara Nota ta' Osservazzjonijiet f'paġ. 182 tar-Riferenza
[18] Maħsub fl-art. 85 tal-Kap 9
[19] Kemm hu hekk, l-imsemmi artikolu jaqa' taħt ir-ras "*Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet Pubbliċi Oħra*" (Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Titolu III, Sub-Titolu I)

differenzi, jsemmu l-fatt li l-kwerelant m'huwiex l-istess u li ż-żmien dwar liema qed jingħad li twettaq ir-reat li issa hu mixli bih m'huwiex l-istess żmien li taħtu kien instab ħati fil-proċeduri ta' qabel;

Illi ma hemmx dubju li l-imputat iqiegħed il-kwestjoni mqajma minnu f'qafas kategoriku billi jibni l-ksur tal-jedd tan-*ne bis in idem* fuq jekk ir-reat (ta' *ragion fattasi*) li jinsab mixli bih huwiex wieħed istantanju jew huwiex permanenti. Il-Qorti għandha dubju kemm il-kwestjoni tat-tifsira xierqa tar-regola tan-*ne bis in idem* tissawwar fuq il-kejl waħdu tat-tipiċita' tar-reat li jkun – kif sejjer jintwera 'l quddiem, il-fattur ewlieni li jitqies huwa jekk il-**fatt** li dwaru wieħed ikun qiegħed jinxela bih mill-ġdid ikunx l-istess fatt li tiegħu jkun instab ħati jew inħeles taħt proċedura li saret qabel, aktar milli min-natura tar-reat li bih ikun mixli. Iżda ladarba l-intimat għażel li jsejjes il-kwestjoni f'dawk il-parametri u ladarba l-Qorti Riferenti talbet l-istħarriġ fuq l-istess parametri, din il-Qorti trid tqis ir-Riferenza wkoll f'dawk it-termini;

Illi l-kwestjoni li qajjem l-imputat m'hijiex waħda li tista' titqies bħala fiergħa jew sempliċement vessatorja. L-ilment jolqot kwestjoni li, fit-tmexxija ta' proċedura ta' xejra kriminali, titlob stħarriġ serju u meqjus, ukoll biex tingħata lill-Qorti Riferenti direzzjoni dwar kif tista' tiddisponi mill-każ li tressaq quddiemha. Il-fatt ukoll li l-Qorti Riferenti għamlet ir-riferenza juri li lanqas dik il-Qorti ma qieset illi l-kwestjoni mqajma mill-intimat hija waħda fiergħa;

Illi joħroġ ċar ukoll li r-Riferenza magħmula mill-Qorti Riferenti titlob lil din il-Qorti biex tistħarreġ jekk bil-fatt li nħarġet kontra l-imputat akkuża oħra ta' ksur tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, dwar dak li huwa jqis bħala l-istess fatti li dwarhom diġa' kien instab ħati, jiksirx din ir-regola ewlenija tad-dritt. Jidher ukoll li l-Qorti Riferenti qieset il-kwestjoni taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmija mill-imputat, jiġifieri l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwestjoni taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmija u mbagħad tara jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ iġibux tassew ksur ta' xi waħda jew l-oħra;

## A) **L-Aspett Kostituzzjonali tal-prinċipju tan-*ne bis in idem***

Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha[20];

Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;

Illi huwa wkoll stabilit[21] li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-*res judicata* li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili;

Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir[22].

---

[20] Art. 527 tal-Kap 9
[21] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)
[22] Ara, per eżempju, Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i. 370, a fol 382** *et seq*) għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova

Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem* għall-finijiet ta’ jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali;

Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa’ lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għal-livell ta’ garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta’ xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni huwa mliġġem b’eċċezzjoni (li f’dan il-każ tal-lum m’hijiex rilevanti) li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;

Illi, minbarra dan, l-istħarriġ tal-allegazzjoni imqanqla minn parti mixlija b’reat li dik il-proċedura hija ripetizzjoni ta’ proċedura bħalha li diġa’ kienet ittieħdet kontriha għall-istess reat għandu jsir mill-Qorti li quddiemha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni. Sakemm dan isir u l-fatt li dan isir, huwa meqjus bħala stadju proċedurali li jżomm milli jseħħ ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni[23];

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Kif ingħad, “*Bl-espressjoni ‘l-istess fatt’ wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta’ kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f’okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta’ ta’ ħaddieħor u f’okkażjoni oħra jerġa’ jagħmel l-istess tip ta’ ħsara fuq l-istess proprjeta’ ma jista’ bl-ebda*

[23] P.A. (Kost) **10.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kummissraju tat-Taxxi Interni et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.525**)

*mod jeċepixxi r-res judicata*"[24]. Madankollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt"[25], l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat";

Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-*ne bis in idem*, "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act*"[26];

Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira mogħtija lill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija b'mod tali li żżomm milli persuna terġa' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diġa' tressqet taħt proċedura li ntemmet b'sentenza li saret ġudikat, wieħed jistenna li t-tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għandu jkun jgħodd iżjed biex iħares dak il-jedd. Fi kliem ieħor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-"liġi ordinarja" kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali;

B) **L-Aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni.**

Illi, min-naħa l-oħra, l-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* kif applikat taħt il-Konvenzjoni jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa' aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta[27], jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi pproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi

---

[24] App. Krim. Inf VDG **19.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Vella et*** (mhix pubblikata)
[25] Ara App. Krim Inf. PV **12.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Domenic Abela*** (mhix pubblikata)
[26] App. Krim. Inf. **15.11.1941** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar*** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding)
[27] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 t'Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002)

proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie pproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni;

Illi għalkemm ma jissemmiex fir-Riferenza, ma jistax jonqos li l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti ma jżommx ukoll quddiem għajnejh dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex wieħed ma jistax iqis kif imiss l-implikazzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jekk mhux fid-dawl tal-imsemmi artikolu, kif sejjer jitfisser iżjed 'il quddiem f'din is-sentenza. Huma dawn id-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem*, li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-ġabra ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrux il-jeddijiet tagħha mogħtijin taħt dak id-dritt. Iżda wieħed m'għandux iwaħħad il-jedd tan-*ne bis in idem* mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaġa. Dan jgħodd iżjed u iżjed f'dan il-każ fejn l-imputat ma jsejjisx l-ilment tiegħu speċifikatament fuq ksur tal-jedd tiegħu għal smigh xieraq;

Illi, iżjed minn hekk, dak l-artikolu ma jżommx milli persuna tiġi suġġetta għal iżjed minn proċediment wieħed ta' karattru differenti, bħal fil-każ ta' teħid ta' proċeduri dixxiplinari u proċeduri kriminali kontra l-istess persuna fl-istess ġurisdizzjoni[28]. Iżda meta l-proċedimenti dixxiplinari jkunu ta' għamla u gravita' tali li jattiraw fuqhom l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jeddijiet maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, allura dan iġib miegħu l-effett li jitqiesu wkoll dawk il-jeddijiet li jimxu id f'id mal-imsemmi

[28] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 569

artikolu, bħalma huwa l-prinċipju tan-*ne bis in idem* maħsub fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll;

Illi dak l-artikolu lanqas ma jżomm milli jittieħdu kontra l-istess persuna proċedimenti ta' għamla kriminali f'ġurisdizzjonijiet differenti dwar l-istess għamil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar proċedimenti preċedenti li jkollhom it-timbru ta' ġudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni[29];

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;

Illi huwa stabilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi artikolu m'huwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn tal-istess reat, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess wieħed dwar dak ir-reat, u għalhekk, l-artikolu jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak l-artikolu jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess offiża[30];

Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed. Dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diġa' għaddiet proċeduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret ġudikat. Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi ċirkostanzi, jista' jkun hemm

[29] Ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22
[30] QEDB **20.7.2004** fil-każ ***Nikitin vs Russja*** (Applik. Nru. 50178/99) § 36

id-duplikazzjoni ta' proċedimenti – l-aspett tal-"*bis*" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli;

Illi l-kwestjoni li tibqa' hi dwar jekk dak il-"*bis*" huwiex dwar l-istess reat, jiġifieri l-element tal-"*idem*". Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-imputat jindika li dan l-element jirriżulta sewwasew minħabba n-natura istantanja tar-reat li raġa' jinsab mixli bih u li dwaru diġa' nstab ħati qabel;

Illi l-istħarriġ ta' x'jikkostitwixxi l-"istess" reat minn dejjem kien wieħed li ħalaq kontroversja dwar il-kriterju li jmissu japplika. Huwa magħruf li lanqas il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma segwiet dejjem l-istess kriterju. Kemm hu hekk, jidher li xi drabi mxiet bil-kejl tal-"istess għamil"[31], filwaqt li, f'xi każijiet oħrajn, tqabbel mal-kunċett tal-konkors idejali fejn l-istess għamil jista' jnissel azzjonijiet differenti[32]. Kien hemm każi fejn dik il-Qorti żammet mal-kejl tal-"elementi essenzjali" tar-rejati milquta mill-proċeduri ripetuti[33]. Dawn il-kriterji differenti ma kinux qegħdin jgħinu wisq biex tinstab dik iċ-ċertezza tad-dritt meħtieġa għat-tifsir ta' dan il-jedd fundamentali, u dan kien iġib ħsara akbar meta wieħed iqis li dak il-prinċipju kien jitħaddem fi proċeduri ta' xejra kriminali, bħalma din il-Qorti issa għandha quddiemha;

Illi, madankollu, jidher li, f'dawn l-aħħar żminijiet, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterju maħsub biex jagħti "tifsira armonizzata" tal-kunċett tal-"istess reat". B'deċiżjoni meħuda mill-Grand Chamber, dik il-Qorti qalet li hija "*takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal*

[31] Eż. QEDB **23.10.1995** fil-każ ***Gradinger vs Awstrija*** (Applik. Nru.15963/90) § 55
[32] Eż. QEDB **30.7.1998** fil-każ ***Oliveira vs Svizzera*** (Applik. Nru. 25711/94) §§ 25 – 9
[33] Eż. QEDB **29.5.2001** fil-każ ***Franz Fischer vs Awstrija*** (Applik. Nru. 37950/97) § 25

*procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused*[34]*. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings*"[35];

Illi wara li qieset din ir-rassenja ta' konsiderazzjonijiet dwar in-natura tal-jedd tan-*ne bis in idem* kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, u qabel ma tgħaddi biex tapplika l-istess għar-Riferenza li saritilha, il-Qorti ssib li huwa meħtieġ li tistħarreġ ukoll il-punt ewlieni li fuqu l-imputat sejjes il-kwestjoni quddiem il-Qorti Riferenti. Bħalma ngħad qabel, l-impostazzjoni kategorika tal-argument kollu tal-imputat iddur fuq in-natura tar-reat li bih jinsab mixli, u jiġifieri jekk ir-reat ta' *ragion fattasi* huwiex wieħed istantanju jew huwiex wieħed permanenti;

Illi reat jitqies li huwa istantanju jekk kemm-il darba "*the violation of the right or the interest protected by the law is entirely completed so soon as all the elements constituting the offence actually concur. The* ***effects*** *of the offence may or may not continue after the perpetration of the act or omission constituting the offence: but if they*

---

[34] F'dan ir-rigward, ara App. Krim. Inf **28.5.1993** fil-kawża ***Il-Pulizija vs Said*** (Kollez. Vol: **LXXVII.v.414**)

[35] QEDB (GC) **10.2.2009** fil-każ ***Sergey Zolotukhin vs Russja*** (Applik. Nru. 14939/03) §§ 82 – 4

*continue, it is not because of any further act or omission on the part of the offender or of the permanence of his original act or omission, but merely as a result of such original act or omission. In other words, the continuance of the effects is not occasioned by the repetition or the continuance of the wrongful act or omission which gave rise to the violation of the right or interest protected by law*"[36];

Illi d-duttrina tgħallem li "*si dicono permanenti i reati nei quali il fatto che li costituisce da` luogo ad una situazione dannosa o pericolosa, che si protrae nel tempo a causa del perdurare della condotta del soggetto. Sono istantanei tutti i reati in cui questa particolarita` non si verifica. Dalla nozione offerta del reato permanente si desume che per l'esistenza di questa specie di reato occorrono due condizioni: (1) che lo stato dannoso o pericoloso derivante dalla condotta del reo abbia carattere continuativo; non si esaurisca, cioe`, in un solo istante, ma prosegua per un certo tempo (il che, come e` naturale, importa un progressivo aumento del pregiudizio originato dal fatto); (2) che il protrarsi della situazione anti-giuridica sia dovuto alla condotta volontaria del soggetto, la quale prosegue senza interruzione dopo la realizzazione del fatto che costituisce il reato. Da cio` la conseguenza che il soggetto normalmente e` in grado di far cessare lo stato continuativo da lui posto in essere*"[37];

Illi jekk wieħed jimxi maż-żewġ tifsiriet imsemmija fis-siltiet li l-Qorti għadha kemm għażlet u jorbothom mar-reat maħsub fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li bih jinsab mixli l-imputat, wieħed għandu jsib li l-elementi tiegħu aktar joqorbu lejn ir-reat permanenti milli lejn dak istantanju, għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-istess imputat. Din il-fehma toħroġ ukoll mit-tagħlim tal-awturi[38] u l-ġurisprudenza. Dan jingħad għaliex iż-żewġ elementi li ssemmew hawn fuq bħala dawk li jagħrfu reat permanenti minn wieħed istantanju huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet,

[36] A.J. Mamo Lectures in Criminal Law (Rev. Edit., 1955), paġ. 13
[37] F. Antolisei Manuale di Diritto Penale (Parte Generale) (15ª Ediz, 2000) paġ. 264; u ara wkoll F. Carrara Programma del Corso di Diritto Criminale (5ª Ediz, 1859) §§ 514 – 5
[38] Ara, b'eżempju, S. Ardizzone I Delitti di Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni (Giuffre' 1975) Kap V. paġġ. 279 – 293

elementi li wieħed isib fir-reat maħsub fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara li hija qed tillimita ruħha biex tagħti l-fehmiet tagħha dwar l-aspetti dottrinali marbuta mal-kwestjoni tar-Riferenza magħmula lilha. Ma hija bl-ebda mod tindaħal fil-fattispeċi tal-każ jew tagħti xi fehma dwar il-ħtija tal-imputat jew iċ-ċertezza tax-xiljiet li sarulu. Dak huwa xogħol il-Qorti Riferenti li lilha l-liġi tagħti s-setgħa waħdanija li tqis dwar il-ħtija u s-siwi tax-xiljiet speċifiċi mressqa kontra l-imputat. Hija wkoll dik il-Qorti li trid tara jekk kemm-il darba l-erba' elementi kostitutivi tar-reat jirriżultawx[39]. Dan hija għad trid tagħmlu wara s-smigħ kif imiss tal-każ u bil-ħarsien tar-regoli proċedurali l-oħrajn li wieħed jistenna fi smigħ xieraq;

Illi issa li l-Qorti waslet f'din il-fehma, u fuq il-formulazzjoni tar-Riferenza kif magħmula fi kliem l-istess imputat, ladarba r-reat li jinsab mixli bih huwa wieħed permanenti "allura l-prosekuzzjoni kellha dritt terġa' toħroġ imputazzjoni simili". Ladarba l-imputat innifsu neħħa r-riżerva dwar il-ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* jekk it-tweġiba tkun fis-sens li r-reat ta' *ragion fattasi* ma jkunx wieħed istantanju, għalhekk, minn dak li joħroġ hawn fuq, waħedha toħroġ it-tweġiba għar-Riferenza magħmula lil din il-Qorti mill-Qorti Riferenti;

Illi t-tweġiba hi li l-fatt waħdu li l-imputat jinsab mixli, fost l-oħrajn, bir-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jġiblux ksur tar-regola tan-*ne bis in idem* la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali** bid-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2012, billi tgħid li l-proċeduri meħuda kontra l-imputat Joseph Attard u li għadhom qegħdin jinstemgħu mill-Qorti Riferenti ma jiksrux l-jedd tal-imsemmi imputat la taħt id-

[39] Ara b'eżempju, App. Krim. (Inf) **19.8.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Prof. Henry Frendo***

dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 4(1) tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni; u

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex jgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

F’każ li hemm xi **spejjeż** marbuta ma’ din il-proċedura, dawn irid jagħmel tajjeb għalihom l-istess imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------